**Kif tuża:** Daħħal il-Biljett tiegħek tal-Memorja Flaxx (Flash Memory Card) fl-islott tal-biljett tal-memorja fil-kompjuter tiegħek, telefon tal-but, kamera diġitali jew PDA. Imbagħad int tista' tuża l-apparat kif normalment tużah, tikkreja, tikkopja, tagħmel edizzjonijiet u tpoġġi l-fajls fejn trid. Il-Biljett tal-Memorja tiegħek jista' wkoll ikun ikkanċellat jew tista' terġa' tużah. **Prekawzjonijiet:** Evita l-użu tal-Biljett tal-Memorja Flaxx meta l-batterija tkun baxxa. Meta tikteb lill-biljett, stenna sakemm l-operazzjoni tintemm qabel ma tneħħi l-biljett. Il-biljett ġie imfassal biex jiffitja faċilment fis-sistema f'direzzjoni waħda biss. Tgħawwiġx il-biljett l-anqas għandek tisforżah fl-islott. **Reġistrazzjoni tal-Prodott:** Int tista' tirreġistra il-biljett tal-memorja tiegħek permezz tal-kompjuter fis-sit tal-web ta' SanDisk f'http://www.sandisk.com/registration. **Sapport Tekniku:** Żur is-sit tal-web ta' SanDisk, www.sandisk.com, jew ċempel 1-866-SANDISK (1-866-726-3475) bejn 8AM u 5PM PST, 7 ġranet kull ġimgħa. Il-**Garanzija ta' 5 Snin ta' SanDisk:** Il-Korporazzjoni SanDisk ("SanDisk") ser issewwi jew tibdel dan il-Biljett tal-Memorja Flaxx bla ħlas jekk xi darba ma jaħdimx sewwa fi żmien 5 snin mid-data ta' meta xtrajtu, basta jkunu osservati l-kondizzjonijiet li jidhru hawn taħt. Dan il-Biljett tal-Memorja Flaxx mhux ser ikollu difetti materjali fid-disinn u l-manifattura u ser tkun essenzjalment konformi ma' l-ispeċifiki ppubblikat. Il-garanzija tapplika biss jekk dan il-Biljett tal-Memorja Flaxx jintuża f'apparat li huma konformi ma' l-ispeċifiki ta' l-organizzazzjoni ta' l-istandardi adekwati. Din il-garanzija tapplika biss għal persuna li oriġinalment xtrat il-Biljett tal-Memorja Flaxx SanDisk li għandu prova ta' xiri, jekk jiġi mitlub jagħmel dan. Din il-garanzija hi invalida jekk il-Biljett tal-Memorja Flaxx ma jintużax skond l-istruzzjonijiet tal-prodott jew jekk SanDisk jiddetermina li jekk il-prodott ma ħadimx tajjeb dan kien kaġun ta' użu ħażin, traskuraġni, stallazzjoni ħażina, tiswija, tibdil jew aċċident. SanDisk ma jerfa' l-ebda responsabbiltà meta l-prodott ma jaħdimx tajjeb jew ikun hemm difett kaġun ta' prodott jew partijiet ta' terza persuna kemm jekk ikunu awtorizzati jew le. Il-prodotti ta' SanDisk m'għandhomx garanzija li huma kapaċi jaħdmu mingħajr problemi. SanDisk ma tirrakkomandax l-użu tal-prodotti tagħha f'applikazzjonijiet li jgħin persuna tibqa' tgħix meta f'każ li l-applikazzjoni ma taħdimx tajjeb direttament dan għandu mnejn jirriskja l-ħajja jew jikkawża xi korriment. Mela, f'kwalunkwe użu ta' prodotti ta' SanDisk f'sistemi jew applikazzjonijiet oħra li jgħinu persuna tibqa' tgħix meta jekk il-prodott ma jibqax jaħdem tajjeb dan għandu mnejn jirriskja l-ħajja jew jikkawża xi korriment, il-prodotti għandhom ikunu nkorporati biss f'sistemi li ġew imfassla b'mod li għandhom partijiet addattati li huma żejda imma qed jinżammu f'każ ta' ħsara f'parti oħra, joffru tolleranza għad-difetti u ta' riżerva. Dan il-prodott hu intiż biss għall-konsumatur finali; mhux intiż għal jew joffri garanzija għall-applikazzjonijiet kummerċjali. Jekk il-prodott ma jaħdimx tajjeb skond il-klawsoli ta' din il-garanzija, SanDisk ser jispezzjona l-prodott u għandu mnejn jagħżel li, issewwih, jew jibdel il-prodott. SanDisk ser jibgħat prodott li għandu l-istess kapaċità jew akbar. L-uniku obbligu ta' SanDisk, u r-rimedju esklussiv, għal kwalunkwe difett(i) rikonoxxuti ser ikun it-tiswija jew il-bidla tal-prodott li hemm kwistjoni dwaru. SanDisk, għandu mnejn, dejjem jekk jagħżel dan, li jibdel il-prodott b'wieħed irranġat. IL-GARANZIJI KOLLHA STATWARJI JEW IMPLIKATI LI JISTA' JKUN HEMM HUMA SUSSEGWENTEMENT MIĊĦUDA. SANDISK MHUX SER IKUN OBBLIGAT TAĦT L-EBDA ĊIRKUSTANZA GĦAL KWALUNKWE ĦSARAT INDIRETTI, INĊIDENTALI JEW KONSEGWENTI JEW TELF TA' DATA.